MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1031/2003

**Untours Insurance Agents Limited ghall-Qatar Insurance kif surrogati fid-drittijiet ta' Joseph Bianco u l-istess Joseph Bianco**

**Vs**

**Emmanuel Abela**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu li l-konvenut ihallas Lm846.05c (tmien mija u sitta w erbghin lira Maltin u hames centezmi) rapprezentanti danni wara ncident tat-traffiku kif spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta li fiha l-konvenut qed jikkontesta l-quantum tad-danni reklamati mis-socjeta' attrici.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta’ Mario Mifsud prodott mis-socjeta’ attrici, fejn jikkonferma li s-socjeta’ attrici hallset l-ammont imsemmi f’din il-kawza kif ukoll li l-*excess* gie mhallas. Ighid li l-vettura ma kienetx *total loss*.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jikkonferma li baqa’ diehel fuq wara tal-vettura ta’ Bianco. Jghid li kisser il-bozza tan-number plate u barax ftit fuq l-istepney tal-vettura ta’ Bianco. Jghid ukoll li ma ra l-ebda hsara fil-bumper. Abela jghid illi wara l-habta, Bianco kien qallu li din kienet it-tieni habta tieghu f’dik il-gimgha. Kellu xkanatura fil-genb tal-vettura.

Ra xhieda ohra ta’ Mario Mifsud fejn jikkonferma illi l-unika claim li ghandha s-socjeta’ attrici hija mertu ta’ din il-kawza.

Ra x-xhieda ta’ Tonio Mizzi prodott mis-socjeta’ attrici, fejn jikkonferma l-hsara fuq il-bumper ta’ wara. Kien hemm ukoll hsara fuq is-side rubber. Ighid ukoll illi l-affarijiet li ra kellhom x’jaqsmu ma’ dan l-incident. Kieku kien hemm xi haga li ma kellhiex x’taqsam ma kienx inizzilha.

Ra x-xhieda ta’ Joseph Bianco fejn jichad illi kellu ncident qabel dan. Ighid illi dejjem kien assigurat *fully comprehensive* ma’ l-Untours.

Fir-Risposta l-konvenut qal li qed jikkontesta biss il-quantum.

Is-socjeta’ attrici gabet bizzejjed provi biex turi li l-ammont ta’ Lm846.05c (tmien mija u sitta w erbghin lira Maltin u hames centezmi) huwa dovut kif spjegat fil-prospett tad-danni u fid-dokumenti esebiti minnha.

Illi l-konvenut ma gabx provi konvincenti li jikkontestaw id-dokumenti u x-xhieda. M’hemm ebda raguni ghaliex is-survey a fol 5 tal-process m’ghandux jigi accettat. Illi l-konvenut allega li l-attur ma kellux hsara fil-bumper izda l-konvenut iffirma l-*Front To Rear Form* fejn hemm imnizzel li l-attur kellu hsara fil-bumper.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta, jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas Lm846.05c (tmien mija u sitta w erbghin lira Maltin u hames centezmi) lill-atturi bl-ispejjez tal-kawza. Bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------